MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 110/2007

**Go plc**

**vs**

**Ronald Apap**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici li talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u wiehed liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm101.24), illum ekwivalenti ghal mitejn u hamsa u tletin Euro u tlieta u tmenin centezmi (€235.83), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ servizz telefoniku li jgib in-numru 21678578 (AC 10013676) *file* cn33022, liema servizz gie nstallat fil-fond li jinsab fi Blokk 14, Flat 13, Rose Path Housing Estate, Santa Lucija, skont diversi kontijiet mibghuta lilhom, skont id-dokumenti annessi, IZY 1(talba ghas-servizz telefoniku) u IZY 2 (prospett ghas-servizz relattiv).

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Illi, fil-mertu, t-talba attrici hija infondata fil-fat u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda tal-konvenut, limitatment ghal eccezzjoni preliminari tal-konvenut fuq il-preskrizzjoni. Il-konvenut jikkonferma li n-numru 21678578 huwa numru tat-telefon ta' post li ghandu f'Santa Lucija. Jikkonferma li s-socjeta' attrici ilha zmien ma tibghat kont u lanqas biss ircieva xi dokumentazzjoni mill-Qorti f'dan is-sens.

Ighid ukoll li kellu zewg (2) kontijiet pendenti mas-socjeta' attrici u fuq wiehed (1) minnhom kien wasal ghal ftehim u kien qed ihallas bin-nifs.

Dwar il-kont mertu ta' din il-kawza, jghid li ma jaf xejn ghaliex is-socjeta' attrici qatt ma baghtitlu xejn, u lanqas ma kien wasal ghal xi ftehim maghhom. Lanqas biss gharaf il-firma li kien hemm bhala l-firma tieghu.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

It-Tribunal ghandu jiddeciedi jekk l-azzjoni attrici hiex wahda preskritta, peress illi l-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 li jikkontempla illi :

Ghall-finijiet ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 irid jinghad li ghalkemm il-kelma "kreditu" tfisser kull jedd *in persona* li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-Artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-

kelma "kreditu" msemmija fil-paragrafu (f) tieghu ghandha tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet msemmija fil-paragrafi ohrajn. Ta' min ighid li c-cirkostanzi kollha mahsubin fl-Artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet *di fare.*

Id-difiza tal-konvenut hija li hu qatt ma kien jaf li kien hemm dan il-kont pendenti u lanqas ma kien qatt ircieva minghand is-socjeta' attrici li kien hemm xi arretrati fuq dan il-kont, waqt li ghal kont l-iehor kellu ftehim mas-socjeta' attrici u kien qed jaghmel pagamenti.

Ghal kuntrarju ta' dak li ttenta jipprova l-konvenut, is-socjeta' attrici pproduciet rcevuta ta' pagamenti maghmula mill-konvenut, precisament fis-7 ta' Marzu, 2005, fl-ammont ta' hames liri Maltin (Lm5), u cioe' ekwivalenti ghal hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmi (€11.65), u l-pagament kif jirrizulta mill-istess dokument fuq il-kont 10013676.

Dan l-istess kont huwa dak indikat mis-socjeta' attrici bhala kont li jghajjat lin-numru 21678578.

Il-prova li ngiebet mill-konvenut hu dwar il-pagament li sar fuq kont iehor u sar f'perjodu differenti minn dak indikat mis-socjeta' attrici.

Huwa fatt stabbilit mill-gurisprudenza nostrana, illi meta jkun hemm ammissjoni li hemm kont pendenti, kif ghamel l-istess konvenut tacitament meta ghamel pagament f"Marzu, 2005, dan kien qed isir ghaliex kien konsapevoli li kien hemm arretrati fuq il-kont 10013676 u l-ammissjoni per se twassal ghal interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

***"Huwa mghallem li l-exceptio solution u l-eccezzjoni li l-kawza tressqet wara zmienha (jigifieri preskrita) ma jitfux lil xulxin bhala eccezzjonijiet inkompatibbli. Madanakollu l-eccezzjoni tal-hlas tista' sservi biex twaqqa' dik tal-preskrizzjoni. Dan isehh billi l-hlas, jekk ippruvat, huwa wahda mir-ragunijiet mahsuba mil-ligi biex tikser iz-zmien tal-preskrizzjoni."***

**‘ALF.MIZZI & SONS (Marketing) LIMITED vs DISMAR COMPANY LIMITED (12.10.2004 PA)’.**

Dina l-kawza infethet fi Frar, 2007 u ghalhekk zgur mill-provi prodotti u, minkejja li l-konvenut jinsisti li hu ma kienx jaf bl-esistenza ta’ dan il-kont, hemm provi li saru pagamenti u dan kien ghal habta ta’ Marzu, 2005 u ghalhekk certament ma kienux ghaddew hames (5) snin.

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut bl-ispejjes relativi a kariku tal-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza ghas-27 ta’ Ottubru, 2009.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------